Aġenzija Żgħażagħ is requesting quotations for the maintenance and upkeep of wooden outdoor furniture within the Youth Village Complex, as well as the main door of the Head Office, both situated at Aġenzija Żgħażagħ Head Office, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013 (https://maps.app.goo.gl/ME4dajG5Z1nAknJR7).

More information can be downloaded from the Aġenzija Żgħażagħ website (https://youth.gov.mt/call/).

Interested bidders shall submit a detailed and itemised bill covering the repair and servicing of the existing furniture and door, including, where necessary, the replacement of broken or missing wooden strips, stripping, sanding, sealing, painting, and varnishing of the remaining undamaged wooden items.

The financial bid, inclusive of VAT, must be submitted in a sealed envelope addressed to Aġenzija Żgħażagħ (ex Umberto Calosso), Triq Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, for the attention of Rowena M. Borg, not later than noon (Central Eurpean Time) on Friday, 24th April, 2026.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the stipulated deadline above. Aġenzija Żgħażagħ will acknowledge the submissions in writing within one working day.

Late applications will not be considered.

Further information or queries may be obtained from Rowena M. Borg on 9989 1714 from Monday to Friday between 8.30 a.m. and 3.00 p.m., or via email to (rowena.borg@gov.mt).

7th April, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 8th April, 2026.

ERU0104U26 – Medicinal

ERU0104U26A – Medicinal
ERU0104U26B – Medicinal
ERU0104U26C – Medicinal
ERU0204U26A – Medicinal
ERU0204U26B – Devices
ERU0204U26C – Medicinal
ERU0204U26D – Devices
ERU0204U26E – Devices
ERU0204U26F – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-7 ta' April, 2026

ERU0104U26A – Medicinal
ERU0104U26B – Medicinal
ERU0104U26C – Medicinal
ERU0204U26A – Medicinal
ERU0204U26B – Devices
ERU0204U26C – Medicinal
ERU0204U26D – Devices
ERU0204U26E – Devices
ERU0204U26F – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

7th April, 2026

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Lija permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026, għal:

Avviż Nru LLC T 05/2023. Servizzi ta' knis tat-toroq fil-lokalità ta' Ħal Lija, bl-użu ta' vetturi ta' servizzi b'emissjonijiet baxxi – ħruġ mill-ġdid

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' April, 2026

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

The Ħal Lija Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Lija Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Friday, 8th May, 2026, for:

Advt No. LLC T 05/2023. Street sweeping services in the locality of Ħal Lija, using low emission service vehicles – re-issued

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

7th April, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

907

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Marzu, 2026, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali (Għawdex) fl-atti tar-rikors numru 3/2026 JVC fl-ismijiet 'Josephine Debono vs l-Avukat tal-Istat u Joseph Bonett' ġiet ordnata l-pubblikazzjoni riprodotta hawn taħt sabiex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Bonett ta' Flat 1, 39, Triq San Pupulju, Il-Furjana, Malta,

It is hereby notified that by a decree given on 23rd March, 2026, issued by the First Hall of the Civil Court, Constitutional Jurisdiction (Gozo) in the acts of the application number 3/2026 JVC in the names 'Josephine Debono vs The State Advocate and Joseph Bonett' the publication reproduced below was ordered in order to serve as notification in respect of the respondent Joseph Bonett of

u wkoll ta' Flat K6, 'Tal-Mielħa Court', Triq is-Sajjied, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Sede Kostituzzjonali (Għawdex)

Rikors numru 3/2026

Josephine Debono (KI 80144G)

'St Joseph Therese', Triq Simirat, Għajnsielem

vs

L-Avukat tal-Istat, 'Casa Scaglia', 16, Triq Mikiel Anton Vassalli, Il-Belt Valletta

Joseph Bonett (KI 697660M), Flat K6, Tal-Mielħa Court, Triq is-Sajjied, Marsalforn

Rikors ta' Josephine Debono.

Tesponi bir-rispett:

I. Illi permezz ta' Rikors maħluf fl-ismijiet 'Josephine Bonett vs Joseph Bonett' preżentata fit-18 ta' Settembru 2015 quddiem il-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri/Sezzjoni Tal-Familja, l-esponenti kienet ippremettiet s-segwenti:

(i) Illi hi u l-intimat Joseph Bonett iżżewġu f'Għajnsielem, Għawdex, fl-erbgħa (4) ta' Settembru elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993);

(ii) Illi huma għandhom tifla Tabita Kristel li għalkemm hi maġġorenni, għadha però taħt it-tlieta u għoxrin (23) sena, u għadha qiegħda tipparteċipa f'edukazzjoni full-time;

(iii) Illi l-intimat Joseph Bonett irrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom f'waħda impossibbli, stante illi l-istess intimat sar ħati ta' eċċessi, moħqrija, swat u vjolenza domestika (fiżika u mentali), abbandun, theddid, inġurji u offiżi gravi oħra daparti tiegħu fil-konfront tal-istess rikorrenti u binthom Tabita Kristel, u għalhekk iż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess intimat;

Flat 1, 39, Triq San Pupulju, Floriana, Malta, and also of Flat K6, 'Tal-Mielħa Court', Triq is-Sajjied, Marsalforn limits of Żebbuġ, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court

Constitutional Jurisdiction (Gozo)

Application number 3/2026

Josephine Debono (ID 80144G)

'St Joseph Therese', Triq Simirat, Ghajnsielem

vs

The State Advocate, 'Casa Scaglia', 16, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta

Joseph Bonett (ID 697660M), Flat K6, Tal-Mielħa Court, Triq is-Sajjied, Marsalforn

Application by Josephine Debono.

Respectfully submit:

I. That by means of a sworn Application in the names 'Josephine Bonett vs Joseph Bonett' filed on the 18th September 2015 before the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction/Family Section, the applicant had pleaded the following:

(i) That she and the respondent Joseph Bonett were married in Għajnsielem, Gozo, on the fourth (4th) of September one thousand nine hundred and ninety-three (1993);

(ii) That they have a daughter Tabita Kristel who although of legal age, is still under the age of twenty-three (23), and is still participating in full-time education;

(iii) That the respondent Joseph Bonett made their marital life impossible, given that the same respondent was guilty of excesses, cruelty, beatings and domestic violence (physical and mental), abandonment, threats, insults and other grave offences on his part against the same applicant and their daughter Tabita Kristel, and therefore their marriage was irretrievably broken down through the sole fault of the same respondent;

(iv) Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom ġiet reża wkoll impossibbli minħabba li hemm ukoll inkompatibbiltà fil-karattru tal-partijiet lejn xulxin;

(v) Illi l-esponenti ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi bil-kawża permezz ta' digriet appositu tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja, mogħti fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 14/2015 tas-sebgħa (7) ta' Awwissu, 2015 (Digriet numru 54/2015).

Illi permezz tal-istess Rikors surreferit, l-esponenti kienet talbet lil dik il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat Joseph Bonett kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament minn mal-intimat,

2. Tiddikjara li l-intimat Joseph Bonett iddekada minn kwalsijasi dritt li jitlob jew li jipperċepixxi manteniment mingħand ir-rikorrenti,

3. Tapplika fil-konfront tal-intimat Joseph Bonett l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża iżda mhux biss, il-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lir-rikorrenti,

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat Joseph Bonett ope sententiam, u jekk okkorrendo jkun il-każ tinnomina nutar pubbliku sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jiġu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att,

5. Tikkundanna lill-intimat Joseph Bonett sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u/jew jittieħed kont tal-valur tagħhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur għandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur ir-rikorrenti fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija,

6. Tikkundanna lill-intimat Joseph Bonett li sakemm binthom Tabita Kristel tibqa' tipparteċipa f'edukazzjoni, taħriġ, jew tagħlim full-time jibqa' jipprovdi għall-

(iv) That their marital life has also been rendered impossible because there is also incompatibility in the parties' character towards each other;

(v) That the applicant has been duly authorized to proceed with the case by means of an apposite decree of the Honourable Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction – Family Section, given in the acts of Mediation Letter number 14/2015 of the seventh (7th) of August 2015 (Decree number 54/2015).

That through the same above-referred application, the applicant had requested that Court to:

1. Declare and pronunce the personal separation between the parties and this due to faults solely and exclusively imputable to the respondent Joseph Bonett as explained above and authorise the applicant to live separately from the respondent,

2. Declare that the respondent Joseph Bonett has waived any right to demand or receive maintenance from the applicant,

3. Apply to the respondent Joseph Bonett the effects in toto or in part of articles 48, 51, 52 of Cap. 16 of the Laws of Malta to the extent applicable, including but not limited to, the order that he lose any right to inherit from the applicant,

4. Dissolve and liquidate the community of acquisitions existing between the parties and divide it into two portions not necessarily equal and assign a portion to the applicant and a portion to the respondent Joseph Bonett ope sententiam, and if necessary nominate a notary public to receive the relative act in which all the effects of any eventual sentence are incorporated and curators to represent any eventual defaulters on the same act,

5. Order the respondent Joseph Bonett to return to the applicant within a short and peremptory period to be fixed by this Court all dowry and/or paraphernal assets that come to light during the course of the lawsuit, and/or taking into account their value in the liquidation and apportionment of the community of acquisitions mentioned above, to be carried out by the work of the appointed experts, which value shall be deducted from the share due to him in favour of the applicant in the liquidation and partition of the community of acquisitions mentioned above,

6. Order the respondent Joseph Bonett that as long as their daughter Tabita Kristel continues to participate in full-time education, training, or learning, he shall continue to

manteniment tagħha f'dak l-ammont li ġie likwidat minn din il-Qorti fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 14/2015, u jew f'somma oħra li din il-Qorti jogħġobha tiffissa fl-interess tal-istess binthom,

7. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tgħix u tabita fid-dar matrimonjali, u dana ad esklużjoni tal-intimat Joseph Bonett, u tordna l-iżgumbrament tal-intimat joseph bonett mid-dar matrimonjali inkluż ta' ħwejġu kollha li qed jingombraw l-istess dar, u tordnalu wkoll li jiżgombra u jiżbarazza ħwejġu kollha mill-fondi proprjetà parafernali tar-rikorrenti, u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan il-għan,

8. Finalment tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom ta' xbubitha 'Debono' u tordna d-debita reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex, tal-bdil fil-kunjom tagħha minn dak ta' miżżewġa.

Bl-ispejjeż u bl-intimat Joseph Bonett inġunt għas-subizzjoni.

II. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Tal-Familja tal-22 ta' Mejju, 2025, dik l-Onorabbli Qorti filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni kollha tal-intimat Joseph Bonett, laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti ad eċċezzjoni tal-ħames talba li kienet tirrigwarda l-beni dotali u parafernali tagħha billi ma rriżultax li l-intimat Joseph Bonett kien fadallu fil-pussess tiegħu beni ta' din ix-xorta, u fir-rigward tal-kontrotalba tal-intimat Joseph Bonett, dik il-Qorti ċaħdet ukoll il-kontrotalba tiegħu. Bl-ispejjeż tat-talba prinċipali u tal-kontrotalba ġew akkollati kollha lill-intimat Joseph Bonett.

III. Illi l-kawża kien ilha differita għas-sentenza sa mit-28 ta' Jannar, 2021, u ħadet aktar minn erba' snin biex ġiet deċiża minn dik il-Qorti. Fil-frattemp saru wkoll rikorsi mill-intimat Joseph Bonett f'attentat biex iżomm lil dik il-Qorti milli tagħti s-sentenza u jiftaħ mill-ġdid il-provi tiegħu. L-esponenti għalqet il-provi tagħha fis-sena 2017, u l-intimat Joseph Bonett ħa erba' snin biex għalaq il-provi tiegħu, u wara li l-kawża kienet ġiet differita għas-sentenza kien reġa' pprova jiftaħ il-provi.

IV. Illi fl-4 ta' Ġunju, 2025, l-esponenti ppreżentat rikors ai termini tal-artikolu 235 tal-Kap. XII billi dik il-Qorti ħalliet barra mis-sentenza parti mir-raba' talba, u ordnat biss il-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-immobbli u l-qsim bejniethom tar-rikavat mill-bejgħ tiegħu filwaqt li ma llikwidatx u ma qasmitx il-flus u l-investimenti msemmija fir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dott. Nadia Vella u naqset ukoll milli

provide for her maintenance in the amount liquidated by this Court in the acts of Mediation Letter number 14/2015, and or in another sum that this Court may determine in the interest of their daughter,

7. Authorise the applicant to live and reside in the matrimonial home, and this to the exclusion of the respondent Joseph Bonett, and order the eviction of the respondent joseph bonett from the matrimonial home including all his belongings which are being cluttering the same home, and order him also to evict and clear away all his belongings from the premises belonging to the applicant, and give all appropriate and opportune orders for this purpose,

8. Finally authorise the applicant to revert to her maiden surname 'Debono' and orders the due registration in the Gozo Public Registry of the change in her surname from that of her husband.

With costs and with respondent Joseph Bonett summoned for his oath.

II. That by a judgment of the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction – Family Section of the 22nd May, 2025, that Honourable Court, while rejecting the entire pleas of the respondent Joseph Bonett, upheld the claims of the applicant with the exception of the fifth claim which related to her dowry and paraphernal assets as it did not result that the respondent Joseph Bonett had any assets of this kind left in his possession, and with regard to the counter-claim of the respondent Joseph Bonett, that Court also rejected his counter-claim. With the costs of the main claim and the counter-claim being awarded in full to the respondent Joseph Bonett.

III. That the case had been postponed for judgment since 28th January, 2021, and it took more than four years for it to be decided by that Court. In the meantime, applications were also made by the respondent Joseph Bonett in an attempt to prevent that Court from giving judgment and reopening his evidence. The applicant concluded its evidence in 2017, and the respondent Joseph Bonett took four years to conclude his evidence, and after the case had been postponed for judgment he had again tried to open the evidence stage.

IV. That on 4th June, 2025, the applicant filed an application under article 235 of Cap. XII, as that Court omitted part of the fourth claim from the judgment, and only ordered the sale by auction of the property and the partition of the proceeds from its sale, while not liquidating or dividing the money and investments mentioned in the report of the legal expert, Dr Nadia Vella, and also failed to assign to the

tassenja lir-rikorrenti nofs dawn il-flus u l-investimenti, u l-valur tal-biċċa tal-baħar li nxtrat fiż-żwieġ. Sal-lum, sitt xhur wara dak ir-rikors, dik il-Qorti mhux talli għadha ma ddisponietx mill-istess rikors, iżda għadha ma ordnatx notifika tiegħu lill-intimat Joseph Bonett.

V. Illi fid-19 ta' Ġunju, 2025, l-intimat Joseph Bonett daħħal Rikors ta' appell min dik is-sentenza, liema rikors għadu sal-lum mhuwiex notifikat lir-rikorrenti, il-proċess għadu ma ntbagħatx minn Għawdex lill-Qorti tal-Appell, it-taxxa tal-ewwel istanza għadha ma nħadmitx bil-konsegwenza li l-garanzija tal-appell għadha ma tistax tinħadem u titħallas, u l-proċess tal-appell jinsab ukoll stallat minħabba li r-rikors tal-4 ta' Ġunju, 2025, tħalla pendenti.

VI. Illi minħabba dan id-dewmien, fid-19 ta' Settembru, 2025, sar rikors mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell fejn talbitha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni biex il-proċess jintbagħat quddiem dik il-Qorti mingħajr aktar dewmien, u li jiġi assigurat li qabel ma jintbagħat, l-ewwel Qorti tiddisponi mir-rikors tal-4 ta' Ġunju, 2025. B'digriet tad-29 ta' Settembru, 2025, il-Qorti tal-Appell ordnat li kopja tar-rikors u tar-risposta jintbagħtu lill-ewwel Qorti, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors. Wara dan id-digriet, ma nbidel xejn mill-pożizzjoni minn kif kienet fil-25 ta' Mejju, 2025, meta ngħatat is-sentenza mill-ewwel Qorti.

VII. Illi f'dan ix-xenarju, m'hemmx tama li xi darba l-appell jiġi appuntat u deċiż fi żmien raġonevoli, u l-kors tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti ma jistax jitqies anqas li sar fi żmien raġonevoli b'għaxar snin ta' taqtigħ il-qalb u stress għar-rikorrenti li llum għandha 81 sena. Sadanittant ir-rikorrenti għandha flusha sekwestrati bil-Mandat ta' Sekwestru numru 37/2017 li sar mill-intimat Joseph Bonett kontra tagħha.

VIII. Illi dan kollu effettivament ifisser illi kellhom jgħaddu aktar minn għaxar (10) snin biex ingħatat sentenza minn dik il-Qorti. Dan iż-żmien ma jistax jitqies li huwa wieħed raġonevoli u l-kawża għadha ma ġietx deċiża b'mod sħiħ minn dik il-Qorti, u f'dan ix-xenarju, ftit hemm tama li l-appell li sar mill-intimat Joseph Bonett jiġi appuntat u deċiż fi żmien raġonevoli jekk mhux bl-ordnijiet ta' din il-Qorti.

IX. Illi huwa evidenti illi fil-każ tar-rikorrenti, id-dritt illi individwu jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata fi żmien raġjonevoli ġie miksur u dan meta wieħed jikkunsidra l-ammont ta' snin illi l-kawża ilha għaddejja u kemm snin fadlilha minħabba li jinsab kollox stallat.

applicant half of these money and investments, and the value of the plot of land purchased during the marriage. To date, six months after that application, that Court not only has it not yet disposed of the same application, but also has not yet ordered its notification to the respondent Joseph Bonett.

V. That on 19th June, 2025, the respondent Joseph Bonett filed an appeal against that judgment, which appeal has not yet been served on the applicant, the Court file has not yet been sent from Gozo to the Court of Appeal, the first instance tax has not yet been calculated with the consequence that the appeal guarantee cannot yet be calculated and paid, and the appeal process is also stalled because the appeal of 4th June, 2025, was left pending.

VI. That due to this delay, on 19th September, 2025, an application was filed by the applicant before the Court of Appeal requesting it to give such orders as it deems appropriate and opportune for the Court file to be sent before that Court without further delay, and to ensure that before it is sent, the first Court disposes of the application of 4th June, 2025. By a decree of 29th September, 2025, the Court of Appeal ordered that a copy of the application and the reply be sent to the first Court, and abstained from taking cognizance of the application. After this decree, nothing has changed from the position as it was on 25th May, 2025, when the judgment was delivered by the first Court.

VII. That, in this scenario, there is no hope that the appeal will ever be set for hearing and decided within a reasonable time, and the course of the lawsuit before the first Court cannot be considered to have been carried out within a reasonable time with ten years of distress and stress for the claimant who is now 81 years old. In the meantime, the claimant has her money seized by garnishee order number 37/2017 issued at the request of the respondent Joseph Bonett against her.

VIII. All this effectively means that it took more than ten (10) years for a judgment to be given by that Court. This time cannot be considered reasonable, and the case has not yet been fully decided by that Court, and in this scenario, there is little hope that the appeal filed by the respondent Joseph Bonett will be scheduled and decided within a reasonable time unless by order of this Court.

IX. It is evident that in the case of the applicant, the right of an individual to have their case heard and finalized within a reasonable time has been violated, especially when one considers the number of years that the case has been ongoing and how many years it has left because everything is stalled.

X. Illi fis-sentenza fl-ismijiet David Marinelli vs Avukat Ġenerali et deċiża nhar it-tlieta (3) ta' Lulju elfejn u tmienja (2008), dik il-Qorti rriteniet illi sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif rikjest kemm mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, dik il-Qorti għandha tqis '1) in-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni, 2) il-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u 3) il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess'.

X. That, in the judgment in the names David Marinelli v Attorney General et decided on the third (3rd) of July two thousand and eight (2008), that Court held that in order to determine whether the hearing in any proceedings before the Court was held within a reasonable time as required by both Article 39(2) of the Constitution of Malta and Article 6(1) of the European Convention, that Court must take into account '1) the nature and/or complexity of the case in question, 2) the conduct of the parties to the case, and 3) the manner in which those proceedings were handled and conducted by the judicial authority itself '.

XI. Illi, inoltre, kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet: John Bugeja vs Avukat Ġenerali et, deċiża nhar il-ħdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) 'Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħi mismugħa u finalizzata għeluq iż-żmien raġonevoli, jimponi tassattivament fuq l-Istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja'.

XI. That, furthermore , as was held in the judgment in the names: John Bugeja vs Attorney General et, decided on the eleventh (11th) of August of the year two thousand and three (2003) 'The fundamental right of the individual to have his case heard and finalized within a reasonable time, strictly imposes on the State, which must observe the Rule of Law, the obligation to have in place an efficient system of administration of justice '.

XII. Illi diversi kawżi ġew trattati quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani dwar jekk is-smigħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif rikjest mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani osservat illi: 'Only delays attributable to the respondent State may justify a finding of failure to comply with the reasonable time requirement.' f'Kryuk v Russia, No. 11769/04, 13 December 2011; Serrano Contreras v Spain, No. 49183/08, 20 March 2012; Idalov v Russia (Grand Chamber), No. 5826/03, 22 May 2012; Sizov v Russia (No. 2), No. 58104/08, 24 July 2012; Borodin v Russia, No. 41867/04, 6 November 2012.

XII. That several cases have been dealt with before the European Court of Human Rights on whether the hearing in some proceedings before the Court was held within a reasonable time as required by Article 6(1) of the European Convention. The European Court of Human Rights observed that: 'Only delays attributable to the respondent State may justify a finding of failure to comply with the reasonable time requirement.' in Kryuk v Russia, No. 11769/04, 13 December 2011; Serrano Contreras v Spain , No. 49183/08, 20 March 2012; Idalov v Russia (Grand Chamber), No. 5826/03, 22 May 2012; Sizov v Russia (No. 2), No. 58104/08, 24 July 2012; Borodin v Russia , No. 41867/04, 6 November 2012.

XIII. Illi, għalhekk, hija l-umli fehma tar-rikorrenti li ma ġiex mogħti lilha, u mhuwiex qed jiġi mogħti lilha smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif provdut u garantit bħala dritt fundamentali tagħha taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taħt l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-liġijiet tagħna bil-Kap. 319.

XIII. That, therefore, it is the humble opinion of the applicant that she has not been, and is not being, afforded a proper hearing within a reasonable time as provided for and guaranteed as her fundamental right under Article 39(2) of the Constitution of Malta, as well as under Article 6(1) of the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms as incorporated into our laws by Cap. 319.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Therefore, the applicant respectfully requests that this Honourable Court be pleased to:

(i) Tiddikjara li fil-każ tagħha ta' separazzjoni m'hemmx proċess ċivili fi żmien raġjonevoli kif provdut u garantit bħala dritt fundamentali tagħha taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taħt l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-Liġijiet tagħna bil-Kap. 319, bi ksur tal-imsemmija provvedimenti tal-liġi;

(i) Declare that in her case of separation there is no civil process within a reasonable time as provided and guaranteed as her fundamental right under Article 39(2) of the Constitution of Malta, as well as under Article 6(1) of the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms as incorporated in our Laws by Cap. 319, in violation of the said provisions of the law;

(ii) Tagħti kull provvediment, ordni, u/jew rimedju ieħor xieraq u opportun sabiex jiġi żgurat it-twettiq tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli inkluż li jiġi appuntat u jinstema' l-appell tal-intimat Joseph Bonett;

(iii) Tillikwida u tagħti kumpens xieraq għad-danni morali minħabba l-leżjoni tad-drittijiet tagħha minnha sofferti u li għadha ssofri inġustament.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Dan ir-rikors huwa differit għas-smigħ għal Ġimgħa, l-24 ta' April, 2026, fid-9.10 a.m., fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Illum l-1 ta' April, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

JOHN VELLA
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

(ii) Grant any other appropriate and timely provision, order, and/or remedy to ensure the fulfilment of the applicant's fundamental right to a fair hearing within a reasonable time, including the appointment and hearing of the appeal of the respondent Joseph Bonett;

(iii) Liquidate and provide appropriate compensation for the moral damages due to the infringement of her rights that she has suffered and continues to suffer unjustly.

With the costs of these proceedings against the respondents or any of them who are now subpoenaed for their oath.

This application is adjourned for hearing to Friday, the 24th April, 2026, at 9.10 a.m. at the Gozo Court Building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Today the 1st April, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

JOHN VELLA
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

908

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-26 ta' Marzu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 216/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jeffettwa l-korrezzjoni jew annotazzjoni mitluba biex, meta l-Att tat-Twelid ta' Shakil Akhter Khan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta, l-isem tar-rikorrent jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Shakle Akther' għal 'Shakil Akhter'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 2 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th March, 2026, and upon an application numbered 216/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to effect the requested correction or annotation so that, when the Act of Birth of Shakil Akhter Khan is registered in Malta, the applicant's name is changed by annotation from 'Shakle Akther' to 'Shakil Akhter'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 2nd April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

909

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-26 ta' Marzu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 222/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jeffettwa l-korrezzjoni jew annotazzjoni mitluba biex kunjom il-

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th March, 2026, and upon an application numbered 222/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to effect the requested correction or annotation so that the minor's

minuri fl-Att tat-Twelid numru 3520/2023 jiġi mibdul minn 'De Faria De Sousa' għal 'Starostova'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 2 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

surname in the Act of Birth number 3520/2023 is changed from 'De Faria De Sousa' to 'Starostova'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 2nd April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

910

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' Awwissu, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

David Parkes (KI 138078A) bħala amministratur tal-Condominium Block A, Cosmopolitan Apts ta' 2443, Triq L-Istamnar, San Pawl il-Baħar, Malta, ippreżentaw Talba, fl-1 ta' Awwissu, 2025, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Simon Hansford (KI 0183067M) ta' 20, Cosmopolitan Apts, Block A, Flat 1, Triq Istamnar, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lill-attur nomine s-somma ta' €1,602, liema ammont huwa dovut lill-attur noe.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 211/2025MD) hija differita għall-21 ta' April, 2026, fis-1.35 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 21st August, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

David Parkes (ID 138078A) as admninistrator of Condominium Block A Cosmopolitan Apts of 2443 Triq L-Istamnar, St Paul's Bay, Malta, filed a Claim on the 1st August, 2025, whereby he asked the Tribunal to condemn Simon Hansford (ID 0183067M) of 20, Cosmopolitan Apts, Blk A, Flat 1, Triq Istamnar, St Paul's Bay, to pay the plaintiff nomine the sum of €1,602, which amount is due to the plaintiff nomine.

With costs and interests

The case (Claim number 211/2025MD) is deferred on the 21st April, 2026, at 1.35 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 7th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

911

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' April, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Yanica Mc Kay.

Go plc (C22334) ta' GO, Triq Ħal Tarxien, Żejtun ZTN 3000, ippreżentat Talba, fil-21 ta' April, 2025, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Yanica Mc Kay (KI 177991M) ta' 16, Mckay, Triq id-Dielja, Ħal Qormi, u/jew 195, Triq San Albert, Il-Gżira, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2767.74, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 30th April, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Yanica Mc Kay in terms of Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C22334) of GO, Triq Ħal Tarxien, Żejtun ZTN 3000, filed a Claim on the 21st April, 2025, whereby they asked the Tribunal to condemn Yanika Mc Kay (ID 177991M) of 16, Mckay, Triq id-Dielja, Ħal Qormi, and/or 195, Triq San Albert, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of €2767.74, which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 98/2025MD) hija differita għall-21 ta' April, 2026, fis-12.40 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and legal interests

The case (Claim number 98/2025MD) is deferred on the 21st April, 2026, at 12.40 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 7th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

912

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Frar, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 346/2025AL fl-ismijiet Gabriel De Battista noe vs Walter Farrugia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Walter Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Gabriel De Battista (KI 266294M) in rappreżentenza ta' Anna Borg (KI 325268M0 vs Walter Farrugia (KI 215267M) fl-atti tar-rikors numru 346/2025AL, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-10 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrenti Gabriel De Battista in rappreżentanza ta' Anna Borg talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna li ż-żwieġ ikkuntrattat mill-partijiet liema żwieġ iġib in-numru progressiv ta' reġistrazzjoni ta' Att taż-Żwieġ numru 1817/1992 jiġi dikjarat maħlul;

2. Tordna d-debita notifika tas-sentenza lir-Reġistru Pubbliku.

U dan taħt kwalunkwe ordni jew provediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tagħti.

Il-kawża fl-ismijiet Garbriel De Battista noe vs Walter Farrugia (Rikors numru 346/2025AL) hija differita għall-21 ta' April, 2026, fid-9.30 a.m.

Esponenti: Casa Maray, Triq Serafin Zarb O.P., Il-Mosta

Notifika intimat: 43, Redeemer, Triq id-Duluri, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 7 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd February, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Gabriel De Battista noe vs Walter Farrugia, Application number 346/2025AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Walter Farrugia in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application Number 346/2025AL in the names Gabriel De Battista (ID 266294M) for and on behalf of Anna Borg (ID 325268M) vs Walter Farrugia (ID 215267M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 10th July, 2025, the applicant Gabriel De Battista for and on behalf of Anna Borg requested this Honourable Court to:

1. Order that the marriage between the parties with progressive registration Marriage Act number 1817/1992 be declared dissolved.

2. Order the duly notification of the judgement to the Public Registry.

And this under any order or provision that this Court may give.

The application in the names Gabriel De Battista noe vs Walter Farrugia, Application number 346/2025AL has been postponed for hearing to the 21st April, 2026, at 9.30 a.m.

Applicant: Casa Maray, Triq Serafin Zarb O.P., Mosta

Notification respondent: 43, Redeemer, Triq id-Duluri, Ħamrun

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 7th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603